



Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1044/2014 tat-3 ta' Ottubru 2014 li jistabbilixxi l-livelli massimi tal-bagiġi għall-2014, applikabbli għal ċerti skemi ta' għajjnuna diretta previsti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009** 1
- Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1045/2014 tat-3 ta' Ottubru 2014 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex 9

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1044/2014

tat-3 ta' Ottubru 2014

li jistabbilixxi l-livelli massimi tal-baġit għall-2014, applikabbli għal ċerti skemi ta' għajjnuna diretta previsti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 tad-19 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 378/2007 u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 51(2), l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 69(3), tal-Artikolu 72b(2), l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 123(1), tal-Artikolu 125b(2), l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 131(4) u l-Artikolu 142(c) tiegħu,

Billi:

- (1) Għall-Istati Membri li fl-2014 qed jimplementaw l-iskema ta' pagament uniku prevista fit-Titolu III tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, għandhom jiġu stabbiliti l-livelli massimi tal-baġit għall-2014 għal kull pagament imsemmi fl-Artikoli 52 u 53 ta' dak ir-Regolament.
- (2) Għall-Istati Membri li fl-2014 qed jagħmlu użu mill-alternattivi stipulati fl-Artikoli 69(1) u 131(1) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, għandhom jiġu stabbiliti l-limiti massimi baġitarji għall-2014 għall-għajjnuna speċifika msemmija fil-Kapitolu 5 tat-Titolu III tar-Regolament (KE) Nru 73/2009.
- (3) Għall-Istati Membri li fl-2014 qed jagħmlu użu mill-alternattivi stipulati fl-Artikoli 72a u 125a tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, għandhom jiġu stabbiliti l-limiti massimi baġitarji għall-pagament ta' distribuzzjoni mill-ġdid msemmija fil-Kapitolu 5a tat-Titolu III u l-Kapitolu 2a tat-Titolu V tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 għall-2014.
- (4) L-Artikolu 69(4) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 jillimita r-risorzi li jistgħu jintużaw fl-2014 għal kwalunkwe miżura akkoppjata li dwarha hemm dispożizzjoni fil-punti (i) sa (iv) tal-Artikolu 68(1)(a) u fl-Artikolu 68(1)(b) u (e) għal 6,5 % tal-livell massimu nazzjonali msemmi fl-Artikolu 40 ta' dak ir-Regolament. Għal raġunijiet ta' ċarezza, il-Kummissjoni għandha tippubblika l-livelli massimi li jirriżultaw mill-ammonti nnotifikati mill-Istati Membri għall-miżuri kkonċernati.
- (5) Skont l-Artikolu 69(6)(a) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, l-ammonti kkalkulati skont l-Artikolu 69(7) ta' dak ir-Regolament ġew stabbiliti fl-Anness III tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1120/2009 ⁽²⁾. Għal raġunijiet ta' ċarezza, il-Kummissjoni għandha tippubblika l-ammonti nnotifikati mill-Istati Membri li beħsiebhom jużaw fl-2014 skont l-Artikolu 69(6)(a) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009.

⁽¹⁾ ĠUL 30, 31.1.2009, p. 16.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1120/2009 tad-29 ta' Ottubru 2009 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-iskema ta' pagament uniku li hemm provvediment dwarha fit-Titolu III tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa (ĠUL 316, 2.12.2009, p. 1).

- (6) Għal raġunijiet ta' ċarezza, għandhom jiġu ppubblikati l-livelli massimi tal-baġit għall-2014 applikabbli għall-iskema ta' pagament uniku, li jirriżultaw mit-tnaqqis tal-livelli massimi stabbiliti għall-pagamenti msemmija fl-Artikoli 52, 53, 68 u 72a tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 mil-livelli massimi mogħtija fl-Anness VIII ta' dak ir-Regolament. L-ammont li għandu jitnaqqas mill-limiti f'dak l-Anness msemmi sabiex tiġi ffinanzjata l-ghajjnuna speċifika li dwarha hemm dispożizzjoni fl-Artikolu 68 tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 jikkorrispondi għad-differenza bejn l-ammont totali għall-ghajjnuna speċifika nnotifikat mill-Istati Membri u l-ammonti nnotifikati għall-finanzjament tal-ghajjnuna speċifika skont l-Artikolu 69(6)(a) ta' dak ir-Regolament. Fejn Stat Membru li qed jimplementa l-iskema ta' pagament uniku jiddeċiedi li jagħti l-ghajjnuna msemmija fl-Artikolu 68(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, l-ammont innotifikat lill-Kummissjoni għandu jiġi inkluż fil-livell massimu għall-iskema ta' pagament uniku, minħabba li din l-ghajjnuna tiegħu l-forma ta' żieda fil-valur tal-unità u/jew fl-għadd ta' drittijiet tal-bidwi għall-pagamenti.
- (7) Għandhom jiġu stabbiliti l-pakketti finanzjarji annwali skont l-Artikolu 123(1) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 għall-Istati Membri li fl-2014 qed jimplementaw l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja li dwarha hemm dispożizzjoni fil-Kapitolu 2 tat-Titolu V ta' dak ir-Regolament.
- (8) Għal raġunijiet ta' ċarezza, għandhom jiġu ppubblikati l-ammonti massimi tal-fondi li għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom l-Istati Membri li japplikaw l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja għall-għoti ta' pagamenti separati għaz-zokkor fl-2014 skont l-Artikolu 126 tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, stabbiliti abbażi tan-notifika tagħhom.
- (9) Għal raġunijiet ta' ċarezza, għandhom jiġu ppubblikati l-ammonti massimi tal-fondi li għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom l-Istati Membri li japplikaw l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja għall-għoti ta' pagamenti separati għall-frott u l-ħaxix fl-2014 skont l-Artikolu 127 tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, stabbiliti abbażi tan-notifika tagħhom.
- (10) Għal raġunijiet ta' ċarezza, għandhom jiġu ppubblikati l-ammonti massimi tal-fondi li għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom l-Istati Membri li japplikaw l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja għall-għoti ta' pagamenti separati għall-frott artab fl-2014 skont l-Artikolu 129 tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, stabbiliti abbażi tan-notifika tagħhom.
- (11) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Pagamenti Diretti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Il-livelli massimi tal-baġit għall-2014 imsemmija fl-Artikolu 51(2) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 huma stabbiliti fit-Taqsima I fl-Anness ta' dan ir-Regolament.
2. Il-livelli massimi tal-baġit għall-2014 imsemmija fl-Artikolu 69(3) u 131(4) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 huma stabbiliti fit-Taqsima II fl-Anness ta' dan ir-Regolament.
3. Il-livelli massimi tal-baġit għall-2014 għall-ghajjnuna stipulata fil-punti (i) sa (iv) tal-Artikolu 68(1)(a) u fl-Artikolu 68(1)(b) u (e) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 huma stabbiliti fit-Taqsima III tal-Anness ta' dan ir-Regolament.
4. L-ammonti li jistgħu jintużaw mill-Istati Membri skont l-Artikolu 69(6)(a) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 biex ikopru l-ghajjnuna speċifika prevista fl-Artikolu 68(1) tal-istess Regolament huma stipulati fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament.
5. Il-livelli massimi tal-baġit għall-2014 imsemmija fl-Artikoli 72b u 125b tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 huma stabbiliti fit-Taqsima V fl-Anness ta' dan ir-Regolament.
6. Il-limiti massimi baġitarji għall-2014 applikabbli għall-iskema ta' pagament uniku msemmija fit-Titolu III tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 huma stabbiliti fit-Taqsima VI tal-Anness għal dan ir-Regolament.
7. Il-pakketti finanzjarji annwali għall-2014 imsemmija fl-Artikolu 123(1) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 huma stabbiliti fit-Taqsima VII fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

8. L-ammonti massimi ta' fondi li għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, il-Litwanja, il-Polonja, ir-Rumanija u s-Slovakkja għall-għoti tal-pagament separat għaz-zokkor fl-2014, kif imsemmi fl-Artikolu 126 tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, huma stabbiliti fit-Taqsima VIII tal-Anness għal dan ir-Regolament.

9. L-ammonti massimi ta' fondi li għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, il-Polonja u s-Slovakkja għall-għoti tal-pagament separat għall-frott u l-ħaxix fl-2014, kif imsemmi fl-Artikolu 127 tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, huma stabbiliti fl-Anness IX tal-Anness għal dan ir-Regolament.

10. L-ammonti massimi ta' fondi li għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom il-Bulgarija, l-Ungerija u l-Polonja għall-għoti tal-pagament separat għall-frott artab fl-2014, kif imsemmi fl-Artikolu 129 tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, huma stabbiliti fit-Taqsima X tal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Ottubru 2014.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

ANNEX

- I. LIMITI FINANZJARJI GĦAL PAGAMENTI DIRETTI LI GĦANDHOM JINGĦATAW SKONT L-ARTIKOLI 52 U 53 TAR-REGOLAMENT (KE) Nru 73/2009

Is-sena kalendarja 2014*(feluf ta' EUR)*

	BE	ES	FR	HR	AT	PT	FI
Primjum għan-nagħaġ u l-mogħoż				1 431		20 128	550
Primjum addizzjonali għan-nagħaġ u l-mogħoż				140		6 605	183
Primjums għall-baqar li jreddgħu	68 632	237 965	453 582	3 537	65 126	72 353	
Primjum addizzjonali għall-baqar li jreddgħu	17 156	23 691			91	8 699	

- II. IL-LIVELLI MASSIMI TAL-BAĠIT GĦALL-GĦAJNUNA PREVISTA FL-ARTIKOLU 68(1) JEW 131(1) TAR-REGOLAMENT (KE) Nru 73/2009

Is-sena kalendarja 2014

Stat Membru	(feluf ta' EUR)
Il-Belġju	6 020
Il-Bulgarija	52 929
Ir-Repubblika Ċeka	56 895
Id-Danimarka	43 875
L-Estonja	3 870
L-Irlanda	25 000
Il-Greċja	100 000
Spanja	226 622
Franza	642 300
Il-Kroazja	13 208
L-Italja	328 650
Ċipru	3 337
Il-Latvja	10 158
Il-Litwanja	25 560
L-Ungerija	127 279
Il-Pajjiżi l-Baxxi	35 330
L-Awstrija	12 826

Stat Membru	(feluf ta' EUR)
Il-Polonja	106 558
Il-Portugall	33 111
Ir-Rumanija	52 922
Is-Slovenja	13 895
Is-Slovakkja	28 000
Il-Finlandja	52 325
L-Iżvezja	3 135
Ir-Renju Unit	29 800

L-ammonti notifikati mill-Istati Membri biex tingħata l-ghajjuna msemmija fl-Artikolu 68(1)(c) li huma inklużi fil-limitu massimu tal-iskema ta' pagament uniku (elf euro):

Il-Greċja: 30 000

Is-Slovenja: 5 587

- III. IL-LIVELLI MASSIMI TAL-BAĠIT GĦALL-GĦAJNUNA LI DWARHA HEMM DISPOŻIZZJONI FIL-PUNTI (i) SA (iv) TAL-ARTIKOLU 68(1)(b) U FL-ARTIKOLU 68(1)(b) U (e) TAR-REGOLAMENT (KE) Nru 73/2009

Is-sena kalendarja 2014

Stat Membru	(feluf ta' EUR)
Il-Belġju	3 123
Il-Bulgarija	52 929
Ir-Repubblika Ċeka	56 895
Id-Danimarka	14 695
L-Estonja	3 870
L-Irlanda	25 000
Il-Greċja	70 000
Spanja	164 406
Franza	478 300
Il-Kroazja	13 208
L-Italja	159 650
Ċipru	3 337
Il-Latvja	10 158
Il-Litwanja	25 560
L-Ungerija	44 548
Il-Pajjiżi l-Baxxi	28 830

Stat Membru	(f'eluf ta' EUR)
L-Awstrija	12 826
Il-Polonja	106 558
Il-Portugall	20 210
Ir-Rumanija	52 922
Is-Slovenja	8 308
Is-Slovakkja	28 000
Il-Finlandja	52 325
L-Iżvezja	3 135
Ir-Renju Unit	29 800

- IV. L-AMMONTI LI SER JINTUŻAW MILL-ISTATI MEMBRI SKONT L-ARTIKOLU 69(6)(a) TAR-REGOLAMENT (KE) Nru 73/2009 BIEX IKOPRU L-GĦAJNUNA SPEĊIFIKA PREVISTA FL-ARTIKOLU 68(1) TA' DAK IR-REGOLAMENT

Is-sena kalendarja 2014

Stat Membru	(f'eluf ta' EUR)
Il-Belġju	6 020
Id-Danimarka	23 250
L-Irlanda	23 900
Il-Greċja	50 000
Spanja	144 390
Franza	86 000
L-Italja	144 900
Il-Pajjiżi l-Baxxi	31 700
L-Awstrija	10 984
Il-Portugall	21 700
Is-Slovenja	5 587
Il-Finlandja	6 190

- V. IL-LIMITI MASSIMI BAĠITARJI PAGAMENT RIDISTRIBUTTIV SKONT L-ARTIKOLU 72b U 125b TAR-REGOLAMENT (KE) Nru 73/2009

Is-sena kalendarja 2014

Stat Membru	(f'eluf ta' EUR)
Il-Bulgarija	53 634
Il-Ġermanja	352 116
Il-Litwanja	39 323

VI. IL-LIVELLI MASSIMI TAL-BAĠIT GĦALL-ISKEMA TA' PAGAMENT UNIKU

Is-sena kalendarja 2014

Stat Membru	(feluf ta' EUR)
Il-Belġju	458 259
Id-Danimarka	905 450
Il-Ġermanja	4 826 062
L-Irlanda	1 215 447
Il-Greċja	2 027 187
Spanja	4 489 758
Franza	6 348 869
Il-Kroazja	145 689
L-Italja	3 769 644
Il-Lussemburgu	33 662
Malta	5 240
Il-Pajjiżi l-Baxxi	789 689
L-Awstrija	626 657
Il-Portugall	438 471
Is-Slovenja	136 259
Il-Finlandja	476 379
L-Iżvezja	693 352
Ir-Renju Unit	3 136 974

VII. IL-PAKKETTI FINANZJARJI ANNWALI GĦALL-ISKEMA TA' PAGAMENT UNIKU SKONT L-ERJA

Is-sena kalendarja 2014

Stat Membru	(feluf ta' EUR)
Il-Bulgarija	537 400
Ir-Repubblika Ċeka	773 751
L-Estonja	106 148
Ċipru	48 007
Il-Latvja	146 121
Il-Litwanja	318 083
L-Ungerija	1 099 350
Il-Polonja	3 078 178
Ir-Rumanija	1 367 527
Is-Slovakkja	387 136

- VIII. L-AMMONTI MASSIMI TA' FONDI LI GĦANDHOM GĦAD-DISPOŻIZZJONI TAGĦHOM L-ISTATI MEMBRI GĦALL-GĦOTI TAL-PAGAMENTI SEPARATI GĦAZ-ZOKKOR IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 126 TAR-REGOLAMENT (KE) Nru 73/2009

Is-sena kalendarja 2014

Stat Membru	(feluf ta' EUR)
Ir-Repubblika Ċeka	44 245
Il-Latvja	0
Il-Litwanja	10 260
L-Ungerija	41 010
Il-Polonja	159 392
Ir-Rumanija	8 082
Is-Slovakkja	19 289

- IX. L-AMMONTI MASSIMI TA' FONDI LI GĦANDHOM GĦAD-DISPOŻIZZJONI TAGĦHOM L-ISTATI MEMBRI GĦALL-GĦOTI TAL-PAGAMENTI SEPARATI GĦALL-FROTT U L-ĦAXIX IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 127 TAR-REGOLAMENT (KE) Nru 73/2009

Is-sena kalendarja 2014

Stat Membru	(feluf ta' EUR)
Ir-Repubblika Ċeka	414
L-Ungerija	4 756
Il-Polonja	6 715
Is-Slovakkja	690

- X. L-AMMONTI MASSIMI TA' FONDI LI GĦANDHOM GĦAD-DISPOŻIZZJONI TAGĦHOM L-ISTATI MEMBRI GĦALL-GĦOTI TAL-PAGAMENTI SEPARATI GĦALL-FROTT ARTAB IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 129 TAR-REGOLAMENT (KE) Nru 73/2009

Is-sena kalendarja 2014

Stat Membru	(feluf ta' EUR)
Il-Bulgarija	226
L-Ungerija	391
Il-Polonja	11 040

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1045/2014**tat-3 ta' Ottubru 2014****li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ⁽¹⁾,Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ⁽²⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissal-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.
- (2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Ottubru 2014.

*Għall-Kummissjoni,**F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali⁽¹⁾ ĠUL 347, 20.12.2013, p. 671.⁽²⁾ ĠUL 157, 15.6.2011, p. 1.

ANNEX

Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

(EUR/100 kg)

Kodiċi tan-NM	Kodiċi tal-pajjiż terz ⁽¹⁾	Valur standard tal-importazzjoni
0702 00 00	AL	57,9
	MA	165,9
	MK	71,7
	TR	47,7
	XS	74,9
	ZZ	83,6
0707 00 05	TR	100,9
	ZZ	100,9
0709 93 10	TR	110,7
	ZZ	110,7
0805 50 10	AR	126,1
	CL	123,1
	IL	102,2
	TR	109,8
	UY	102,0
	ZA	140,3
	ZZ	117,3
	ZZ	117,3
0806 10 10	BR	151,2
	MK	30,3
	TR	121,7
	ZZ	101,1
0808 10 80	BA	41,5
	BR	52,9
	CL	117,7
	NZ	139,3
	ZA	135,2
	ZZ	97,3
0808 30 90	CN	104,2
	TR	123,2
	ZZ	113,7

⁽¹⁾ In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1106/2012 tas-27 ta' Novembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-aġġornament tan-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji (ĠU L 328, 28.11.2012, p. 7). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT